MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2014

Numru. 187/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Raymond Aquilina)**

**vs**

**Ryan Camenzuli**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Ryan Camenzuli ta' 24 sena, bin Mario u Marion xebba Borg, imwieled Pieta` fil-11 ta' Frar 1985

u residenti gewwa Nru. 7 Fuq Verdala, Bormla, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 130885(M);

Akkuzat talli f'Bormla u f'dawn il-Gzejjer bejn is-17 u t-18 ta' Awwissu 2008:

1. Biegh jew xort'ohra traffika r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema reat sar fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club* jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh skond l-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. Talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 *et seq* tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li nstab hati b'sentenzi definittivi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 12 ta' Jannar 2005 u 18 ta' Gunju 2008, liema sentenzi ma jistghux aktar jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2013, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi kollha mressqa f'din il-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2014, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, dan kien kaz ta' traffikar *by sharing*;

Rat ukoll illi fl-istess seduta, in vista tad-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet u anke in vista tal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' dawn l-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, ossia l-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Prosekuzzjoni esebiet tlett sentenzi ossia wahda moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, datata 18 ta' Gunju 2008 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Brian Camenzuli'[1], ohra moghtija wkoll mill-istess Qorti, diversament preseduta, fit-12 ta' Settembru 2005, fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Ryan Camenzuli'[2] u ohra moghtija wkoll mill-istess Qorti, diversament preseduta, fit-12 ta' Jannar 2005, fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Ryan Camenzuli'[3]. L-addebitu tar-recidiva fic-*charge sheet* odjerna jirreferi specifikatament ghas-sentenzi datati 12 ta' Jannar 2005

[1] A fol. 208 *et seq* tal-process.
[2] A fol. 210 *et seq* tal-process.
[3] A fol. 212 *et seq* tal-process.

u 18 ta' Gunju 2008 u ghaldaqstant il-Qorti ser tillimita ruhha biss ghal dawn iz-zewg sentenzi.

Permezz tas-sentenza tat-12 ta' Jannar 2005, mil-liema sentenza jirrizulta illi l-konnotati tal-imputat (f'dik is-sentenza) jaqblu mal-konnotati tal-imputat odjern, huwa gie kkundannat ghal piena ta' multa ta' Lm250. Fir-rigward tas-sentenza l-ohra tat-18 ta' Gunju 2008, isem l-imputat f'dik is-sentenza huwa Brian Camenzuli u mhux Ryan Camenzuli. Ma giex prodott xhud tal-identita` li juri illi l-imputat f'dak il-kaz, huwa l-imputat odjern. Madankollu, tenut kont tal-fatt illi isem missier u omm l-imputat u kunjom xbubitha f'din is-sentenza jikkombacjaw ma' dawk li jidhru fic-certifikat tat-twelid tal-istess imputat li jinsab esebit fl-atti u illi in oltre l-post tar-residenza tal-imputat, indikat fic-citazzjoni odjerna huwa identiku ghall-post tar-residenza indikat fis-sentenza msemmija, tenut kont ukoll illi din is-sentenza tat-18 ta' Gunju 2008 tidher fil-fedina penali tal-imputat odjern, f'liema fedina penali jidher indikat ukoll in-numru tal-karta tal-identita` tal-istess imputat odjern, il-Qorti m'ghandhiex dubju illi l-imputat f'dik is-sentenza huwa l-imputat fil-kaz de quo u li dan kien kaz ta' *lapsus calami* fejn isem l-imputat f'dik is-sentenza gie erronjament indikat bhala Brian minflok Ryan. Jirrizulta wkoll minn din is-sentenza illi l-imputat gie kkundannat *inter alia* ghal piena ta' multa.

Ghaldaqstant a bazi ta' dawn iz-zewg sentenza fuq imsemmija tat-12 ta' Jannar 2005 u tat-18 ta' Gunju 2008, jirrizulta car illi l-imputat huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat fl-ewwel lok illi ghalkemm l-ammissjoni tal-imputat ghall-ewwel zewg imputazzjonijiet zgur illi ma kinitx wahda bikrija, madankollu huwa kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, fis-sens

illi kif jirrizulta mill-istqarrija rilaxxjata minnu[4], huwa mill-ewwel ammetta li kien hu li pprovda r-raza tal-*cannabis* fil-lejl in kwistjoni u li minn din il-*cannabis* abbuzaw ukoll xi persuni ohrajn li kienu jinsabu mieghu fl-istess fond. Jirrizulta wkoll mill-istess stqarrija, illi mill-*cannabis* li provda l-imputat, saru zewg *joints* li ntuzaw kollha dakinhar fil-post in kwistjoni u li ma kellux izjed *cannabis* ghajr ghal dik li ntuzat hemmhekk. Jirrizulta wkoll mill-provi mressqa illi mill-istess *cannabis* abbuzaw ukoll minuri li kienu fl-istess post.

Qieset ukoll illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi dan kien kaz ta' traffikar *by sharing*. Il-Qorti wara li fliet l-atti tqis illi mill-fatti li jirrizultaw mill-provi, dan kien fil-fatt kaz ta' *trafficking by sharing* ai termini tal-*proviso* ghall-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reati in kwistjoni, liema fedina penali kienet tikkonsisti fi tlett kundanni dwar reati taht il-Kapitoli 65 u 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

In oltre, il-Qorti kkunsidrat illi dan il-kaz jirrisali ghall-Awwissu tas-sena 2008 u li l-proceduri ma twalux ghal ragunijiet imputabbli lill-imputat. Fil-waqt illi kkunsidrat is-serjeta` tal-kaz, qieset ukoll illi l-Prosekuzzjoni m'hijiex tinsisti dwar piena karcerarja effettiva, tant illi kemm l-Ufficjal Prosekutur, kif ukoll id-difiza, waqt it-trattazzjoni finali dwar il-piena ssottomettew illi miz-zmien tal-kaz odjern, jidher illi l-imputat biddel hajtu u mexa l-quddiem, ghalkemm fi kliem l-istess Ufficjal Prosekutur, hemm bzonn li huwa jigi stradat.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante illi r-reat ikkontemplat fit-tieni imputazzjoni serva bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat fl-ewwel imputazzjoni.

[4] A fol. 22 *et seq* tal-process.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 8(b), 22(1)(a), 22(2)(b)(i), it-tieni *proviso* ghall-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 17(h), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, inkluz tal-addebitu tar-recidiva, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula u bl-applikazzjoni tal-*proviso* ghall-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 u tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tqieghed lill-hati taht Ordni ta' *Probation* ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordni hawn anness, liema Ordna ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza u ghal piena ta' multa ta' sitt mitt Euro (€600) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u ghoxrin Euro (€25), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data ta' din is-sentenza. Pero` jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' *Probation* jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni tal-*Probation* u illi l-beneficcju moghti lilu bil-*proviso* ghall-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jista' jigi applikat ghal darba wahda biss.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole.*

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------